MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 239/2012

**L-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta**

**Vs**

**Joseph Brincat**

**B'digriet ta' dan it-Tribunal tal-20 ta' April, 2012 il-kelma Brincat giet mibdula ghall-Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Marzu, 2012 fejn l-awtorita' attrici tablet:

1. Illi l-intimat Joseph Bezzina ghamel uzu minn facilitajiet ta' irmiggjar (berthing facilities) fil-marina gestita mill-Awtorita' attrici fir-rigward tal-bastiment 'Deep Blue'.

2. Illi f'dan ir-rigward l-intimat Joseph Bezzina ghandu jaghti lill-Awtorita' attrici l-ammon ta' elfejn, sitt mija u sebghin ewro u erbghin u tletin centezmu (€2,670.34) rapprezentanti hlas ghas-servizzi ta' irmiggjar provduti lilu mill-Awtorita' attrici, fuq talba tieghu stess, kif jirrizulta mill-istatement of account hawn anness u mmarkat bhala Dok A1.

3. Illi minkejja l-fatt illi l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut, baqa' inadempjanti. Ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Ghalhekk, in vista tal-premess, l-Awtorita' Attrici titlob li dan l-Onorabbli Tribunal jikkundanna u jordna l-intimat ihallas l-ammont imsemmi fis-suepost bl-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet legali dekorribli mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

Wara l il-konvenut gie debitament notifikat huwa pprezenta risposta u ecepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni attrici hija nulla u bla effet stante li l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta ma ghandha l-ebda 'locus staudi' attiv, u dan ai termini ta' l-Artikolu 12(2) tal-Kap 499, tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni lok l-azzjoni attrici hija ukoll nulla u bla effet, stante li ma hemm indikat bl-ebda mod ghal liema rmieg u ghal liema marina gestita mill-Awtorita' jirreferu t-talbiet attrici;

3. Illi fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont kif deditt fit-talbiet attrici mhux dovut, u dan stante li l-esponeti ghandu arrangement ma' l-awtorita' attrici dwar 'fee' stabbilita, u l-awtorita' attrici b'effet mis-sena 2011, arbitrarjament qabel u ammendata bi ksur ta' l-istess arrangement, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;

4. Salv risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-awtorita' attrici minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Xehed Christopher Schembri li kien il-berthing Master tal-Marinas li kienu jaqaw taht l-Awtorita'. Wara l-marines ghaddew kollha ghand il-privat u l-Awtorita' fadlilha biss il-Gzira Gardens Marina. Ix-xhud sar Mooning Co Ordinator izda xorta baqa' jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-Marina.

Qal illi l-konvenut ma hallasx l-ahhar kont li nhareg bit-tariffi l-godda skond il-legal notice 103/11. Din il-legal notice tghati d-dritt lill-operatur li jiffissa r-rati hu tal-irmigjar u Trasport Malta ffissat ir-rati taghha.

In kontro ezami Christopher Schembri qal illi jaf li hemm agreement li tqassam lis-sidien tal-jottijiet pero' uhud iffirmawh u ohrajn ma ffirmawhx. Dan il-agreement fost affarijiet ohra kien jinkludi l-fees. Jghid illi minn iffirma l-kuntratt allura kien accetta l-fees. Jikkonferma wkoll illi miljorament f'din il-marina ma sarrux.

Xehed il-konvenut Joseph Bezzina li qali illi l-legal Notice mhux bilfors hija gusta. Il-berth kien hadha bl-ammont ta' sitt mija u sititn ewro kien hadha bl-ammont ta' sitt mija u sititn ewro (€660) u spjega ukoll li kienu bidlulu l-berth li kien jibda tal-Msida. Qal illi l-post li kellu kien iktar kenni. Semma illi fil-Gzira Marine qatt ma sar xejn ghal safety u manutenzjoni. Filfatt kien hemm post li kienu jitpoggew dghajjes zghar peress illi l-post kien jinhakem mic-caqliq u d-dghajjes iz-zghar kienu jittelghu l-art. Pero' l-Gvern kabbar il-Marina u dan il-post minkejja n-nuqqas ta' kenn sar bl-istess hlas daqs partijiet ohra. F'din il-parti jingabar hafna zibel u qatt ma jsir xejn.

Xehed Oliver Magro in rapprezentanza tal-MEPA fejn qal illi applikazzjoni ghal development kien hemm izda ma jistax jikkonferma jekk dan sarx.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti ikkonsidra;

Illi l-awtorita' tat-Transport minkejja li kellha l-legal notice 103/11 li jghadilha l-poter fittura taghha hasset illi ghadha tohrog agreement gdid lis-sidien tal-jottijiet.

Dan jimxi sal-interpretazzjoni li t-Tribunal ihoss illi hija gusta tal-legal notice u cioe l-legal notice tghati l-poter li min ikun qed imexxi l-Marina jiffissa r-rati tal-fees. Dan il-Awtorita' kienet diga ghamlitu meta ffirmat u ftehmet mal-konvenut dwar ir-rata ta' hlasijiet li kellu jhallas. Il-legal notice ma jghidx illi

tista’ tgholli r-rati imma li l-Awtorita’ iva tista’ tifissa r-rata pero’ sa permessi godda mhux persuni bhal konvenut li kien diga kellu fteheim ta’ hlas.

Minbarra dan l-Awtorita’ wara tlett snin illi harget il-legal notice ma gabitx provi illi ghamlet xi miljorament fil-marina. Gabet provi li applikatt ghal permessi. Xehdu xi persuni izda li x-xoghol gia esegwit ma ngabet ebda prova. B’hekk it-Tribunal ma jhossx illi l-Awtorita’ hija gustifikata li tgholli r-rati miftehma mal-konvenut.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jichad it-talbiet attrici pero’ jordna lil konvenut sabiex ihallas l-ammont miftehem mal-Awtorita’ originarjament u cioe’ dak li kien ihallas sal- 2010.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------